**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 41/2006**

**Salvina mart Mario Cassar [K.I. nru 55348M], Carmelo [K.I. nru 777145M], Francis [K.I. nru 74447M], Gaetano [K.I. nru 425657M], Rita legalment separata minn Joseph Portelli [K.I. nru 698551M], Maria [K.I. nru 906649M] mart Tonio Grech u Anna [K.I nru 855953M] mart Frank Mercieca lkoll ahwa Attard**

**vs**

**Jane Scicluna, Anna Duca, Gaetano, Martin, Joseph, Marco u Vincent ahwa Frendo**

**Illum, 16 ta' Gunju 2016,**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

Illi huma proprjetarji tal-fond 143, Triq Atocja Hamrun li huma jikru lill-intimati bil-kera ta' Lm26 lira fis-sena bil-quddiem kull 27 ta' Jannar ta' kull sena.

Illi l-fond imsemmi kien originarjament mikri lill-mejjet missier l-intimati Saverio Frendo.

Illi huma m'ghadhomx qed juzaw l-istess fond u mill-mewt ta' missierhom il-fond imsemmi qed juzah certu Charles Vassallo ta' Flat 1, Martin Flats, Triq Isouard, Marsa li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-eredi tal-imsemmi Saverio Frendo u dan b'abbuz u divjet fil-Ligi.

Illi dan huwa uzu vjetat mill-Ligi stante illi dan jammonta ghall-cessjoni u/jew sullokkazzjoni u/jew trasferiment tal-kirja tal-fond fuq terzi mhux awtorizzati minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tas-sidien.

Illi dan il-post gie imholli wkoll traskurat u zdingat tant illi sarulu hsarat ingenti u ghalhekk ma jisthoqqx li l-kirja inkwistjoni terga' tiggedded favur l-intimati.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna ir-ripreza tal-fond 143, Triq Atocja, Hamrun mikri lill-intimati u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord joghgbu xieraq u opportun.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

> Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> Illi huma l-eredi ta' missierhom Saverio Frendo u huma stess qeghdin jaghmlu uzu tal-fond imsemmi;
>
> Illi mhuwiex minnu li l-esponenti cedew, issullokaw jew trasferew il-kirja tal-fond 143, Triq Atocja, Hamrun lil Charles Vassallo jew terzi;
>
> Illi lanqas ma hu minnu li l-fond imsemmi gie traskurat jew zdingat. Anzi l-esponenti jaghmlu manutenzjoni regolari tal-fond, stante li huwa fond qadim u jehtieg riparazzjonijiet kontinwi;
>
> Illi l-esponenti jitolbu li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jirrespingi t-talbiet rikorrenti ghar-ripresa tal-fond.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fit-12 t'Awissu 2013 r-rikorrenti prezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u l-intimati prezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fit-03 ta' Jannar 2014;

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2015, ir-rikorrenti ma dehrux filwaqt illi Dr. Victor Scerri ghall-intimati ddikjara li se jistrieh fuq in-nota ta' sottomissjonijiet u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li ulied l-inkwilin originali jigu zgumbrati mill-fond mertu tal-kawza ghaliex, skond ir-rikorrenti, l-intimati m'ghadhomx juzaw il-fond izda dan qed jintuza minn certu Charles Vassallo, kif ukoll illi l-fond thalla traskurat u zdingat. L-intimati jghidu li dan mhux minnu.

Illi ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-uzu ta' dan il-fond ghaliex it-tnejn jaqblu fix-xhieda taghhom li dan il-fond inkera bhala razzett, sabiex jghix fih l-intimat u ghat-trobbija ta' l-annimali, kif *del resto* kienu jintuzaw fl-antik l-irziezet.

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti, l-aktar xhieda rilevanti hija dik tar-rikorrent Frans Attard stante illi huwa ghandu post bieb jew tnejn 'il fuq minn dan il-fond u skond hu jkun hemm kuljum. Dan anke peress li r-rikorrenti l-ohra illi xehdu pjuttost jghidu dak li jafu minn haddiehor u mhux dak li jafu direttament u ghalhekk ix-xhieda taghhom tammonta aktar ghal *detto di detto* milli xhieda kif tirrikjedi l-ligi.

Fix-xhieda tieghu r-rikorrent Frans Attard[1] jghid illi l-aktar li jara fil-fond huwa lil Charles Vassallo. Mistoqsi jekk dan jigix mill-inkwilin originali Xavier Frendo, r-rikorrent jghid illi n-nisa taghhom huma ahwa. Mistoqsi jekk jarax lil xi hadd minn ulied Xavier Frendo fil-post ghall-ewwel jghid li jara lil Charlie izda meta rega' mistoqsi jarax lil Charlie biss, johrog ftit aktar verita u jghid "Rari rari, biex inkun ezatt, ikun hemm xi hadd jigi

[1] A folio 26 tal-process.

jittawwal hdejh, rari". Mistoqsi meta tghid rari xi tfisser, din il-kelma taqa' u tispicca bir-rikorrent jghid "Jigifieri jigi xi hadd, nara lil xi hadd". Mistoqsi dwar il-hinijiet li jkun fir-razzett tieghu, r-rikorrent jikkonferma illi bejn is-7.30 am u is-2.30pm huwa ma jkunx fir-razzett peress illi jahdem u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghamlu l-ebda prova rigwardanti dawn il-hinijiet u lanqas ma ghamlu l-ebda prova rigwardanti mill-4.30pm, jew il-5.00pm sas-7.00am.

Ir-rikorrenti jressqu wkoll bhala prova l-fatt illi dan Charlie Vassallo rregistra l-imsemmija tigieg fuq ismu mal-Kunsill Lokali, u dan sabiex jippruvaw l-allegazzjoni taghhom ta' cessjoni jew sullokazzjoni. Ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali jixhed illi ghal Kunsill Lokali ma kienx importanti ta' min kienu t-tigieg u fil-fatt il-Kunsill Lokali ma kienx joqghod jara jekk it-tigieg kinux ta' min kien qed jirregistrahom f'ismu jew le. Dan l-ezercizzju kien sar minhabba l-mard tat-tjur. Illi bir-rispett din il-prova wahedha ma tistax tissodisfa l-elementi li titlob il-ligi sabiex sid jipprova cessjoni, sullokazzjoni jew trasferiment tal-kirja.

Illi x-xhieda tal-intimati nfushom tikkontradixxi dak li qed jallegaw ir-rikorrenti. Dan ghaliex kollha jikkonfermaw illi huma ghadhom juzaw il-fond bl-istess mod u manjiera li kien juzah missierhom. Jghidu ukoll li Charlie Vassallo, li jigi z-ziju taghhom, jiehu hsieb it-tigieg li hemm fir-razzett. U li huma jmorru r-razzett spiss. Ir-raba' ta' mar-razzett jiehu hsiebha l-intimat Gaetano Frendo.

Fix-xhieda tieghu[2] Charlie Vassallo jghid li huwa m'ghandu x'jaqsam xejn mal-post ghajr li jiehu hsieb it-tigieg u l-fniek. Jghid illi huwa kien ilu jiehu hsieb it-tigieg anke minn qabel ma' miet missier l-intimati Xavier Frendo.

[2] A folio 64 et seq tal-process.

Kien imur jghinu ghaliex fl-ahhar snin ta' hajtu ma tantx kien ghadu jiflah. Il-Bord ghalhekk ihoss illi r-rikorrenti kienu jafu b'din is-sitwazzjoni anke qabel ma miet missier l-intimati u jekk tassew kienu jahsbu li kien hemm xi sullokazzjoni, cessjoni jew trasferiment tal-kirja mill-inkwilin favur Vassallo, allura huma kellhom jagixxu dakinhar. Fin-nuqqas li jagixxu tempestivament, allura huma kienu qed jaccettaw din is-sitwazzjoni.

Illi rigward il-kawzali l-ohra li l-fond thalla traskurat u zdingat, l-intimati jghidu li huma dejjem ghamlu t-tiswija ordinarja bhal zebgha, tindif, tibjid, tikhil, ecc. Ir-rikorrent stess Frans Attard jghid li fuq gewwa ma jafx x'hemm izda l-faccata tinsab fi stat tajjeb. Illi r-rapport tal-Periti Membri tal-Bord[3] isemmi xi nuqqasijiet. Illi r-ritratti annessi ma' l-istess rapport juru ukoll l-istat li fih jinsab dan ir-razzett. Illi huwa minnu li ma hemmx kollox f'postu f'dan ir-razzett kif *del resto* wiehed jistenna minn fond li jintuza ghat-trobbija ta' l-annimali u ghall-hazna ta' ghodod u materjali agrikolu u ghalf tal-bhejjem. Illi, fil-kaz odjern l-akbar nuqqas illi jidher fir-ritratti huwa n-nuqqas tal-qtugh tal-haxix fil-gnien kif ukoll il-hsara fil-bejt minhabba perkolazzjoni ta' l-ilma li semmew il-Periti. Il-Bord ma jhossx li n-nuqqas tal-qtugh tal-haxix fil-gnien ghandu jwassal ghall-izgumbrament tal-inkwilini. Illi fir-rigward tax-xorok imkissrin u travi mzaqqin indikati fir-rapport peritali b'referenza partikolari ghar-ritratti 16 u 17, ma jidhirx li l-hsara li jista' hemm tista' tammonta ghall-prova sodisfacenti u kif trid il-ligi sabiex tirnexxi l-kawzali ta' traskuragni u zdingar.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw a sodisfazzjon u ghall-konvinciment tal-Bord dak allegat minnhom fir-rikors promotur.

[3] A folio 142 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur